NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Mejju - Ġunju 1991 Nru. 60

# Bonġu . . .L-Għodwa t-Tajba

Hekk kif ta' kull filgħodu noħorġu 'l barra mill-bieb ta' darna, u niltaqgħu ma' xi ħadd li nafuh, mingħajr ma nittendu, intelgħu kemm-xejn idejna 'l fuq u ntennu l-kelmiet: ***"Bonġu!",*** jew inkella: ***"L-Għodwa it-tajba".*** Meta nagħmlu hekk inkunu qed nagħmlu ħaġa sabiħa, għaliex b'dik it-tislima nkunu qed nixtiequ l-għodwa t-tajba lil din il-persuna li magħha nkunu ltqajna.

Ftit taż-żmien ilu, ġie f'idejja daqsxejn ta' ktejjeb miktub minn Alessandro Pronzato, Saċerdot taljan, li fih tkellem dwar erba' tipi ta' ***Bonġornu*** li kull wieħed minna għandu jgħid ta' kuljum.

***L-Ewwel "Bonġu1"*** għandna ngħiduh lilna nfusna. Hekk kif noħorġu 'l barra mis-sodda, u nħarsu ċassi, b'għajnejna tqal bin-ngħas fil-mera li jkollna quddiema, hekk kif naraw wiċċna mkerċaħ, ejjew nixtiequ l-għodwa t-tajba lilna nfusna. U hemm bżonn li nagħmlu hekk. Għaliex l-għodwa li tkun qed tibda' għalina, tkunx tajba jew ħażina, jiddependi minn kif nagħmluha aħna.

Mela anke jekk imdejjaq, anke jekk inkwetat, anke jekk beżgħan: ħares f'wiċċek stess fil-mera ta' quddiemek, u għid lilek innifsek: ***l-għodwa t-tajba***

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

. Iżda mhux tgħidha biss: iżda ipprova għamel ħiltek kollha biex minkejja d-difikultajiet kollha li jkun hemm moħbija għalik matul dik il-ġurnata inti tagħmel mill-aħjar li tibdel dik il-għodwa f'ġurnata tajba għalik u għall-oħrajn.



***It-Tieni "Bonġu!"*** ngħiduh lid-dinja ta' madwarna. Hekk kif tiftaħ it-tieqa beraħ u tħares barra u tara s-sema miksi sħab iswed u t-taqtir tax-xita, u int għandek il-ħasla x'tagħmel, tgergirx: għid l-għodwa t-tajba lill istess xita li tkun qed tqattar, u l-ħasla tistenna ġurnata oħra. Jekk kellek f'moħħok tasal wasla sa Malta, u l-baħar kien maltemp u minħabba f'hekk il-vapur ma ħadimx: tgergirx, għid l-Għodwa t-tajba lill-baħar imqalleb, u għamel xi ħaġa oħra li żgur issibha lesta ħalli jekk jibnazza l-għada tkun tista' tmur Malta liberament.

***It-Tielet "Bonġu!"*** irridu ngħiduh lill-kull persuna li niltaqgħu magħha. Iżda l-importanti mhux li ngħidu dawn il-kelmiet, iżda li rridu nifhmu sewwa x'qed nixtiequ lil dak li jkun. Bil-***"Bonġu!"*** tagħna irridu nuru li aħna mill-qalb nixtiequ li dik il-għodwa tkun verament ġurnata tajba għal dik il-persuna. Irridu nsieħbu ***l- "Bonġu!"*** tagħna bl-għajnuna tagħna, bit-tbissima tagħna irridu nuru bil-fatti li aħna nixtiequ ngħinu lil dik il-persuna biex tagħmel hi ukoll dik il-ġurnata:

*ikompli f'paġna 2*

**Pellegrinaġġ għal Lourdes**

Baqa' ftit postijiet fit-tieni pellegrinaġġ.

**Mid-19 sat-22 t'Awissu**

Tlett ijiem "Full Board"

***Dawk li jixtiequ jingħaqdu magħna għandhom ikellmu lill-Arċipriet kemm jista' jkun malajr.***

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

*jaqbad minn paġna 1*

ġurnata verament tajba, bla gdiedem, bla ġlied, bla kliem fuq ħadd u kontra ħadd........

***L-Aħħar Bonġu!*** ngħiduh lil Alla. Forsi tistaqsuni: "Dan għaliex ħallejt l-aħħar ***Bonġu!*** lil Alla?" Sempliċi! Għaliex dan ***il-Bonġu!*** lil Alla rridu ngħiduhulu fl-aħħar tal-ġurnata, l-aħħar ħaġa qabel ma norqdu, u rridu noqgħodu attenti kif ngħiduhulu. Minflok tislima, jeħtieġ li nagħmlulu mistoqsija: ***"Bonġu!, Mulej?"*** jiġifieri, ***"Mulej, int xi tgħid: kienet ġurnata tajba għalija? Għaraft nagħmel minn din il-ġurnata li tajtni ġurnata mimlija ġid għalija u għall-oħrajn? Kont kapaċi li minkejja l-problemi kollha li ħabbat wiċċi magħhom, nagħmel minn din il-ġurnata teżor ta' merti quddiemek?"***

Nixtieq lil kull wieħed u waħda minnkom ***"il-Bonġu! tiegħi".***

**Ħinijiet tal-Quddies fil-għaxija**

*Matul il-Ġimgħa:* ***Fil-5.30p.m. u fis-7.00p.m.***
*Ħdud u Festi:* ***Fil-5.00p.m. u fis-6.30p.m.***

## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali:

31.3.91: ETIENNE, iben Mario Cutajar u Helen nee' Tabone

7.4.91: ERICA - SYLVANA, bint Christopher Pisani u Sylvana nee' Scicluna

20.4.91: ANTINETTE, bint Nazzareno Portelli u Jessie nee' Farrugia

27.4.91: SAVIO, iben Loreto Galea u Josephine nee' Galea

27.4.91: CHRISTIANA, bint Dimitri Grima u Josette nee' Fenech

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:

28.4.91: Euchar Bezzina u Amber-Maria Cholmonfley-Waldron

## Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:

7.4.91: Pawlu Frendo
14.4.91: Angiolina Xerri
2.5.91: Maria Anna Tabone

# Editorjal

## RIESAQ IS-SAJF

*L-arja bdiet tisħon. Il-ġurnata twalet ġmielha. Il-mezzutemp għoddu osfor. Ħaffifna l-għata ta' fuq is-sodda. Is-sajf riesaq ġmielu.*

*Is-sajf. L-istaġun tal-baħar. L-Istaġun tas-sħana. L-istaġun tax-xemx. L-istaġun ta' ilbies ħafif u qasir. U hawn weħilna. Għaliex? Din ta' l-aħħar tħobb toħloq problemi serji għal dawk ta' bla għaqal. Għax forsi naraw lill-barranin jinkixfu xi ftit żejda, aħna ngħamlu bħax-xadini u nipprovaw nimitawhom. Il-gwaj hu li dan nippruvaw ngħamluh mhux biss fejn il-baħar iżda wkoll fl-ibliet u l-irħula tagħna. Donnu ħadd ma jimpurtah li l-ilbies li nilbsu jista' ikun ta' skandlu għal ħaddieħor. Il-kelma **x'jimpurtani** saret tinuża wisq. U din flimkien ma **'xejn m'hu xejn'** qed idaħħalna fi gwaj kbir u s-sajf qed isir għal ħafna, żmien ta' sfrattu. Hawn żgħażagħ li jibdewh qishom anġli u jispiċċawh imċappsin b'kull xorta ta' drawwiet ħżiena li tarahom kompletament mibdula.*

*Barra minn dan, is-sajf joħolqilna wkoll problema fil-knejjes tagħna. L-ilbies għall-quddies u għall-funzjonijiet donnu li m'għadniex nagħtu kasu. Donnu ma jimporta xejn jekk nidħol kif inkun basta smajt il-quddiesa. U billi inzertajt bix-shorts x'ġara? U billi inzertajt bi flokk taċ-ċingi x'ġara? U billi nzertajt b'libsa trasparenti x'ġara? U billi nzertajt b'jumper qasir li bilkemm jiġini x'ġara! L-aqwa li nisma l-quddiesa u nitlaq lejn il-baħar. Hekk jirraġunaw bosta u bosta minna. Iżda mbagħad biex jidher ħelu u pulit f'xi tieġ araħ ġej imgeżwer fi frak, imxarrab tixriba għaraq nobis, imma minħabba l-okkażżjoni hekk imur. U le! Irridu noqgħodu attenti li minkejja s-sħana li tagħmel nuru rispett lid-dar t'Alla. Dan jgħodd kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa.*

*Allura issa x'ser nagħmlu? Naqraw dan u nieqfu? Ngħidu biss x'għarukaża u nieqfu hemm? Iberrqu għajnejna lejn dak li naraw u nagħlqu ħalqna? Jew nibdew inwaħħlu fil-qassisin u ngħidu li għandhom jagħmlu xi ħaġa HUMA? U aħna x'nagħmlu noqgħodu gallerija? Huwa dmir tagħna wkoll li niftħu ħalqna. U dmir tagħna ta' nsara li d-Dar t'Alla ma nħalluhiex issir miżbla. Bil-kelma t-tajba, bl-eżempju, u bilgħajnuna li nistgħu ngħatu dawn l-affarijiet jistgħu jonqsu.*

*X'nista nagħmel? Kif tafu ħafna mit-turisti li jżuruna jiġu fil-bażilika tagħna wara nofs in-nhar. Kemm ikun sewwa kieku nsibu grupp ta' nies, fosthom pensjonanti li joffru siegħa jew tnejn fil-ġimgħa biex jissorveljaw l-ilbies ta' dawk li jżuruna. Ma nistennewx kollox mis-saċerdot jew mill-arċipriet. Offru l-għajnuna tagħkom u tkunu qed tagħtu servizz kbir u utli lill-parroċċa tagħna. Aħjar nipprovaw ngħinu la għandna dak iż-żmien kollu liberu milli noqgħodu bilqiegħda biex ingergru biss. Dawk l-irġiel u nisa li jistgħu joffrulna din l-għajnuna nitolbuhom jagħtu isimhom u l-ħin li jistgħu joffru biex f'qasir żmien inlaqqgħuhom ħalli norganizzaw ruħna u ntaffu kemm nistgħu minn din il-pjaga li tasal fuqna fl-istaġun tas-sajf.*

# Żewġ Korsijiet fil-Kumpless tat-Teatru Astra

Fil-Kumpless tat-Teatru Astra, bħalissa qed isiru żewġ korsijiet speċjalizzati, wieħed dwar mudellar u l-ieħor dwar arranġamenti ta' fjuri. Għadd inkoraġġanti ta' parteċipanti Għawdxin qed isegwu ż-żewġ korsijiet li qed jiġu mmexxija minn Sue Rossi ta' Modelle International, u Ronnie Vassallo ta' Ronfleur.

Il-korsijiet qed jinżammu regolarment ta' kull nhar ta' Tnejn u mistennija jiġu fit-tmiem tagħhom fl-10 ta' Ġunju.

F'Ġunju wkoll l-organizzaturi taż-żewġ korsijiet qed jaħsbu sabiex jorganizzaw Serata ta' Gradwazzjoni li matulha se ssir wirja kbira ta' mudellar ta' ħwejjeġ tas-sajf kif ukoll esebizzjoni ta' arranġamenti ta' bukketti ta' fjuri. Se jingħataw ċertifikati lil dawk kollha li ħadu sehem fil-korsijiet.

Din is-Serata se tinżamm nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju f'La Grotta Discotheque, Xlendi.



# L-Ikla ta' Jum San Ġorġ

Jum San Ġorġ din is-sena kien imfakkar b'għadd ta' attivitajiet, fosthom Ikla fil-Lukanda Ta' Ċenċ, organizzata mil-Ladies Society. L-Ikla saret taħt il-ħarsien tal-Ministru għal Għawdex, Anton Tabone, li f'kelmtejn li għamel għall-okkażjoni, faħħar is-sehem li qed tagħti il-Ladies Society b'riżq il-Bażilika ta' San Ġorġ u stieden soċjetajiet oħra jimpenjaw aktar il-ħidma tagħhom għall-ġid tal-kommunità ġenerali. Huwa qal li l-pajjiż għandu bżonn għaqdiet bħal dawn li b'ħidmiethom juru interess fl-iżvilupp ġenerali ta' gżiritna.



Georgina Cassar, President tal-Ladies Society, tkellmet dwar il-programm ta' attivitajiet li l-għaqda wettqet matul din l-aħħar sena. Fil-waqt li rringrazzjat lil sħabha fil-kumitat tax-xogħol siewi li rnexxielhom jagħmlu għall-parroċċa, appellat lit-tfajliet u nisa membri fi ħdan il-parroċċa sabiex mhux biss jippatronizzaw l-attivitajiet li jiġu organizzati, izda possibilment joffru anke l-għajnuna tagħhom lill-organizzaturi.

Is-Sinjura Cassar irreferiet għall-fondi li l-Għaqda ġabret matul is-sena u qalet li l-ewwel proġett li l-Ladies Society bi ħsiebha tagħmel huwa li tirregala sett ta' pjaneti ġodda lill-Bażilika.

L-Ikla ta' din is-sena saret b'riżq ir-restawr tal-kwadru tal-Erwieħ.

# SAN ĠORĠ 1991

Meta tasal f'idejkom il-ħarġa li jmiss ta' din ir-rivista nkunu ser nagħtu bidu għall-festi kbar f'ġieh San Ġorġ - il-patrun ta' gżiritna u tal-parroċċa tagħna. Tajjeb li nħeġġu lill-kulħadd biex bħal kull sena nagħtu l-għajnuna tagħna kemm fil-ġbir li jsir mill-parroċċa kif ukoll fil-ġbir li jsir mill-Kumitat tal-Banda La Stella għall-festi ta' barra. Kull Ġorġjan għandu jħossu fid-dmir li jgħin kemm jista fil-ġbir u dawk li jistgħu għandhom ukoll jagħtu daqqa t'id fl-armar tal-festa. Nagħmlulkom ukoll appell biex tkomplu t-tħejjija spiritwali billi tattendu għall-quddiesa tal-Ħamisijiet li ssir fis-7.00p.m.



# "TISLIMA....... LILL-GĦALLIEMA......"

Issa nitlobkom tixxierku miegħi fit-tislima speċjali li nixtieq nagħti dalgħodu. Hija tislima sinċiera li bla dell ta' dubju kulħadd jaqbel miegħi li lil min sa nagħtiha ħaqqhielu fil-wisgħa; għax lil dan li hu, ta' min jaqlagħlu l-kappell bl-ikbar rispett.

Nixtieq insellem lil dak l-għalliem, li jgħallem x'jgħallem u jgħallem fejn igħallem, għandu għal qalbu l-missjoni tiegħu u jgħix ħajtu għaliha. Dan huwa bniedem ta' viżjoni, sistematiku, kreattiv w intelliġenti, mogħni b'karattru sod u sadattant flessibbli. Huwa jħabrek u jħawtel biex lil kull tifel jagħtih l-aħjar kwalità ta' edukazzjoni. Jaf x'responsabbiltà tagħfas fuq spallejh u għalhekk qatt ma jehda jaġġorna ruħu; kuljum jippjana ħidmietu u mbagħad il-pjan jaħdmu bil-għaqal. Huwa jħaddem sistema personalizzata li toħroġ fil-beraħ l-awtonomija ta' kull tifel li jkollu f'idejh. Huwa jgħallem mingħajr ma joħloq madwaru klima ta' ripressjoni, mingħajr ma jserrah rasu b'awtorità artifiċjali. Id-dixxiplina jinqed biha biex jikkorieġi u mhux biex jikkastiga. Huwa jidħol taħt il-ġilda tat-tifel, igħarbel il-mentalita u jifli l-ħtieġijiet tiegħu, ifittex li jagħdru u jaċċetta bil-qalb it-tajba anki dożi żgħar ta' progress. Huwa jaċċetta wkoll l-iżball, u dan l-iżball ma jħarisx lejh bħala xhieda ta' inkompetenza imma bħala pass leġittimu fil-progress tat-tagħlim. F'għajnejh mhijiex l-injoranza l-għadu tal-progress, imma l-illużjoni ta' l-għerf. Huwa jinkoraġġixxi l-isforz, jistimola l-interess, iwieżen lid-dgħajjef u jqajjem l-ispirtu li għadu jongħos. Huwa ma jwarrab u jitraskura lil ħadd. Ebda musbieħ ma jħallih jintefa. Il-potenzjal tat-tifel huwa jipprova jesplojtah u jislet minnu l-mija fil-mija. Flok jaqta' warda u jagħtihielu f'idejh, huwa jgħallmu jiżra', ixettel u jħawwel. Huwa jgħallmu jitgħallem, igħallmu jgħix man-nies u jgħix ta' nies, igħallmu japprezza u jħares il-ġmiel imxerred madwaru, jagħżel il-qamħa mill-karfa, jiżen b'mod oġġettiv u jikkritika b'mod kostruttiv. Lit-tifel jippreparah għal għada imma sadattant iħarrġu wkoll biex igawdi u jgħix sewwa llum. Lit-tifel irid jedukah mhux biex joħroġ xi speċjalista imma biex jibnilu personalità sħiħa w'armonjuża u fiċ-ċentru tagħha jqegħidlu lill-Alla l-imbierek. L-ikbar xewqa ta' dan l-għalliem hija li jaqdi dmiru, u jaqdih kuljum. Imbagħad meta jiġi l-lejl u jserrah rasu fuq l-imħadda huwa jorqod b'kuxjenza kwieta, u bħal fil-kas tal-ħaddied tar-raħal li ghanna fuqu Longfellow, wieħed jista' jikkonkludi u jgħid: *"something attempted, something done, has earned a night's repose"*.

*(Din hija silta mid-diskors tas-Sur Ġorġ Cassar, Kap tal-Kumpless tal-Liceo Ninu Cremona, fl-okkażjoni tal-Prize Day 1991)*




# ASTRA TOURS '91

**Tour No.1 Vienna - Budapest - Graz *(Ungerija-Austrija)***

**Mil-5 sat-12 t'Awwissu - 8 ijiem**

Inżuru Budapest, l-aqwa belt f'Eastern Europe u Vienna kapitali Awstrijaka. Nammiraw ukoll il-belt ta Graz kapitali ta' Sitta. F'Budapest u Vienna norqdu 3 iljieli waqt li fi Graz lejl wieħed.

**Tour No.2 Italja - Svizzera - Franza *(Lourdes)***

**Mis-17 sas-27 t'Awwissu - 11 il-ġurnata**

Tour interessanti b'attrazzjoni speċjali l-belt marjana ta' Lourdes. Fl-Isvizzera ngħaddu jumejn fl-aqwa belt - Geneve, waqt li fl-Italja nżuru Ruma - Bologna - Desenzano fuq Lago Garda u San Remo. Vjaġġ li jgħaddina mir-Riviera Taljana u Franċiża b'veduti li jsaħħru.

# Wara l-wirja ta' GIORGIO ROCCA b'risq ir-Restawr

Kien ta' sodisfazzjon kbir għall kulħadd li l-Wirja bil-pittura ta' Giorgio Rocca rnexxiet mija fil-mija. Kellna suċċess u nistgħu ngħidu li l-fond għar-restawr issa tiela ġmielu. Ħloqna kuxjenza favur dan il-proġett u sibna l-għajnuna ta' ħafna. Il-Kumitat restawraturi taljani biex ix-xogħol ta' restawr ikun jista' jibda fl-iqsar żmien possibbli.

Ma nkunux ġusti jekk minn dawn il-kolonni ma nroddux ħajr ukoll lill-pittur Giorgio Rocca li offrielna l-pitturi tiegħu bi prezz baxx biex jgħin hu ukoll f'dan



Il-Ministru Anton Tabone idur il-wirja flimkien ma' Mons Arċipriet.

Storiku Kulturali jixtieq irodd ħajr b'mod speċjali lill-Ministru għal Għawdex, Anton Tabone, li mill-bidu nett offrielna l-għajnuna tiegħu. Kieku ma kenitx l-għajnuna tiegħu u ta' l-uffiċċjali fil- Ministeru żgur li ma kienx ikollna s-suċċess li kellna. It-tieni ħajr tagħna jmur lejn il-MID-MED BANK Ltd. li tana somma ta' flus bħala sponsor tal-wirja. U ħadna gost li dak in-nhar tal-ftuħ irringrazzjajna personalment lil Dr. Riccardo Farrugia ic-Chairman tal-Bank. Din l-għajnuna flimkien somma oħra ta' flus mis-CENTRAL CIGARRETTES Co. Ltd. li lilhom ukoll inroddu ħajr minn qalbna, kienu ta' siwi kbir biex stajna norganizzaw tajjeb u b'mod professjonali l-wirja.

It-tielet grazzi tagħna u tal-Kumitat imur lejn dawk il-persuni li xtraw kwadru jew kwadri li kien hemm għall-bejgħ. Il-wirja, organizzata kemm kienet organizzata, ma kienet tiswielna xejn jekk kollox baqa' f'wiċċna. Lil dawn il-persuni ngħidulhom grazzi mill-qalb għax għamlulna kuraġġ kbir u nixtieqil nħabbrulhom li ġa bdejna l-kuntatti maż-żewġ il-proġett. Ħallejna għall-aħħar persuna waħda għax lilha wkoll jistħoqq ħajr speċjali. Dan huwa Dun Charles Cini SDB li tiegħu kienet l-ideja li nagħmlu din il-wirja u kien hu li ħeġġiġna biex ma naqtgħux qalbna. Lil kulħadd grazzi mill-qalb.




*Mr. Lawrence Camilleri, Gozo Manager tal-Mid.Med Bank jippreżenta cheque lis-Sur Ġorġ Borg, Ass. Segretarju tal-Kumitat Storiku Kulturali. Jidher ukoll Mr. Carmel Camilleri, Manager, Victoria Branch.*

**Tour No .3 Scandinavia *(Fiords)* u Germanja**

**Mis-17 sal-31 t'Awissu - 15 il-ġurnata**

Ġita li l- 'climax' tagħa ikun l-Fiords famużi ta' Norway, fosthom Kongsberg - Heddal - Odda - Hardangerford - Geilo u Gol. Ingawdu wkoll il-Bliet prinċipali ta' Scandinavia: Stockholm - Copenhagen - Oslo. Fil-Ġermanja nżuru bliet sbieħ bħal Gottingen - Bremen - Mainz - Fulda. Vjaġġ pittoresk qalb ilmijiet, ħdura u muntanji.

**Tour No. 4 U.S.A. *(America)* Canada *(Niagra Falls )* u Londra**

**Mit-3 sal-15 ta' Settembru - 13 il-ġurnata**

Il-qofol ta' dat-Tour huwa żjarat lill-bliet ewlenin fl-America bħal New York - Washington D.C. - Philadelphia. Nidħlu wkoll fil-Canada biex nammiraw l-isbaħ parti tan-Niagara Falls. Ngħaddu ukoll 3 ijiem fiċ-ċentru ta' Londra.
Okkażjoni stupenda għal min dejjem ħolom li jżur l-Istati Uniti ta' l-America.

***Booking u iktar dettalji mingħand: John Portelli Ent. 561212 jew Paul M. Cassar 551004.***

## Griżma ta' l-Isqof 1991



Attard Amy, Attard Elaine, Attard Josianne, Attard Marlene, Attard Simone, Azzopardi Claudette, Borg Miriam, Borg Cheryl, Buttigieg Rita, Camilleri Ina Marie, Caruana Michelle, Cassar Sarah, Cremona Antoinette, Farrugia Liliana, Farrugia Sylvana, Fenech Miriam, Mizzi Vanessa, Rapa Erika, Rapa Jacqueline, Rapa Marlene Sagona Nicoline, Said Vanessa, Schembri Maria, Xerri Sharon, Xuereb Josephine, Xuereb Maria, Zammit Louise Christine, Zammit Marion, Zammit Marlene.

Attard Christopher, Attard Stephen, Attard Tonio, Azzopardi Victor, Bonello Philip, Borg Noel, Bugeja Godwin, Ellis Joseph, Fenech Marvin, Fenech Philip, Gatt Ruben, Genuis Duncan, Grech George, Grech Kevin, Mercieca Ruben, Muscat James, Portelli Chris, Scicluna George, Scicluna John Paul, Sultana Daniel, Theuma Anthony, Theuma Shawn, Vassallo George, Vassallo Jason, Vassallo Kevin, Vella George, Xuereb Chris, Zammit Joseph.



## L-Ewwel Tqarbina 1991



Agius Pauliana, Agius Rodianne, Attard Marlene, Attard Christabel, Attard Connie, Bonello Marie Rose, Borg Farrugia Carolina, Borg Caroline, Bugeja Daniela, Buttigieg Daniela, Camilleri Marika, Cassar Isabelle, Cassar Ramone-Marie, Farrugia Tessie, Farrugia Natasha, Farrugia Rosalie, Galea Charlene, Galea Hilda, Grech Elizabeth, Grech Romina, Harvey Claire, Mercieca Angelique, Muscat Susan-Marie, Sagona Marianne, Saliba Josianne, Scicluna Natasha, Tabone Alessandra, Tabone Francine, Theuma Elaine, Vella Sue-Ellen, Xuereb Vincienne.

Agius Kenneth, Apap George, Attard Shawn, Azzopardi Franco, Borg Anthony, Borg Victor John, Bugeja Simon, Camilleri David, Cassar Steve, Cauchi Franz Josef, Cini Silvio, Fenech Samuel, Formosa Michael, Mercieca Richard, Micallef Noel, Portelli Eric, Portelli George, Refalo James, Sacco Jonathan, Said Mario, Saliba Michel, Tabone Frank Anthony, Vassallo Savio.






*Għeżież tfal,*

Kif intom? Erġajna ltqajna. Kif jgħaddi ż-żmien, hux? Filli bdejna l-iskola, filli kważi wasalna biex nispiċċawha u nibdew il-vaganzi tas-Sajf. Imma, bilħaq, qabel ma toħorġu għall-vaganzi, tridu tagħmlu xi ħaġa importanti. Iva, qtajtu x'inhi: l-eżamijiet! Tgħiduli: Daqskemm baqa' għall-eżamijiet! Jien ma ngħidx bħalkom. Għall-eżamijiet tridu taħsbu kmieni, biex ingħid hekk, is-sena kollha, u mhux fl-aħħar minuta, meta jkunu fuq l-għatba. Isimgħu minni, ibdew minn issa. Ara ma jfettlilkomx tħallu għall-aħħar, għax jekk tagħmlu hekk, wisq nibża' li tmorru ħażin, imbagħad toqogħdu tibku jew tagħmlu l-buri u ddendlu geddumkom sa l-art, għax bħalxejn ikollkom tagħmlu xi sajf tistudjaw u tiġru 'l hawn u 'l hemm għall-privatijiet. U fuq dan is-suġġett, daqshekk għal-lum.

Qabel ma tibdew il-vaganzi tas-Sajf u kulħadd jitlaq lejn il-villeġġjatura għall-mistrieħ, hemm xi ħaġa oħra importanti ħafna għalina. U din, mhux bħall-eżamijiet, tieħdu pjaċir biha żgur għax tnessikom l-uġigħ ta' ras u t-taħbit u s-sagrifiċċji kollha ta' matul is-sena skolastika. Tafu x'inhi? Iva, qtajtu: il-festa tal-Patrun u maħbub tagħna SAN ĠORĠ MARTRI. Biss, jiena ngħidilkom li jekk ma tmorrux tajjeb fl-eżamijiet, ma jkunx jistħoqqilkom li tiddevertu f'din il-festa li aħna l-Ġorġjani nkunu nistennew minn sena għal oħra.

Jien minn qalbi nixtiqilkom festa mill-isbaħ, li fiha tiddevertu kif jixraq. Imma, tajjeb li waqt li niddevertu u nixxalaw, naħsbu ftit fuq dak li jgħallimna San Ġorġ biex nimitawh u nwettquh, ħalli jieħu pjaċir bina żgur. San Ġorġ jgħallimna ħafna affarijiet sbieħ, imma f'dan l-artiklu ċkejken, ma jistax ikun li nsemmu kollox. Ħalli nsemmu ħaġa waħda biss. Ġorġi tagħna ddefenda l-fidi nisranija li kien iħaddan. Ma beża' minn ħadd u minn xejn, la mit-theddid ta' l-Imperatur Dejokleżżjanu, l-anqas mill-kastigi u t-torturi. San Ġorġ beża' għall-fidi tiegħu u bl-ebda mod m'offenda lil Alla fuq daqshekk. Tfal, l-egħdewwa tal-fidi tagħna mhumiex l-Imperatur u s-suldati tiegħu. Intom tafu min hu l-għadu ta' ruħna. Bravi! Ix-xitan, li l-ħin kollu jittantana u jipprova jwaqqagħna fid-dnub. Jeqfulu, tfal, u oqogħdu attenti ħafna. Araw li qatt ma tweġġgħu l-qalb t'Alla u l-qalb ta' l-qalb ta' San Ġorġ bid-dnubiet tagħkom. Agħmlu bħal Ġorġi tagħna u kunu dejjem lesti biex iżżommu r-ruħ tagħkom nadifa u meħlusa minn kull ħażen.

Sadanittant, il-festa t-tajba lilkom ilkoll! ***Tatà . IZ-ZIJU PEPPI.***

## Turisti milqugħa fl-Mġarr mill-Grupp Folkloristiku Astra



Ġrajja importanti fil-qasam turistiku ta' gżiritna kienet iż-żjara f'Għawdex tal-Cruise Liner "Renaissance I", nhar il-Ġimgħa 26 t'April. Dan peress li din kienet l-ewwel darba li Cruise Liner daħal jorbot fil-port tal-Mgarr.

Il-Ministru għal Għawdex Anton Tabone ta merħba lill-Kaptan tal-vapur, Sig. Maletesta,u lill-passiġġieri abbord qabel ma dawn niżlu l-art, fejn il-Group Folkloristiku Astra kien qed jistenniehom biex jilqagħhom bit-tfiegħ tal-fjuri u daqq u kant tradizzjonali Malti. Uħud mill-membri tal-Group qassmu wkoll Brouchures dwar Għawdex lit-turisti.

Il-preżenza tal-Group Folkloristiku Astra fl-Mgarr kienet apprezzata mhux ftit mit-turisti ma naqsux li jieqfu għal ftit tal-ħin jitpaxxew jisimgħu l-kant tal-għanjiet folkloristiċi u jieħdu ritratti ta' tifkira mall-Group.

**NIFIRHU**

*Il-Bord Editorjali flimkien mal-Komunità Parrokkjali kollha jixtieq jifraħ lil* ***DUN ĠORĠ BEZZINA****, saċerdot mill-Parroċċa tagħna li ġie magħżul bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Nixtiequlu minn qalbna* ***AD MULTOS ANNOS***

*lil* ***Mons CARMELO SACCO,*** *Kantur tal-Kapitlu Ġorġjan f'egħluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu li kienet saret fis-6, ta' Ġunju 1941 minn idejn Mons Isqof Mikiel Gonzi, Isqof t'Għawdex.*

*lil* ***Mons CARMELO SCICLUNA,*** *Primiċerju tal-Kapitlu Ġorġjan u lil KAN Dun ĠUŻEPP BORG BUGEJA f'għeluq l-40 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom li kienet saret fil-Bażilika tagħna fit-18 ta' Mejju 1951 mill-E.T. Mons Ġużeppi Pace, Isqof t'Għawdex.*

## Il-"Manzoni" fit-Teatru Astra

# DRAMM LI JAGĦMEL ĠIEH LILL-PALK GĦAWDXI

Il-Kapolavur ta' l-awtur Taljan Alessandro Manzoni "I Promessi Sposi" nhar is-Sibt 13 t'April ġie preżentat fuq il-palk tat-Teatru Astra, Għawdex, mill-Astra Dramatic Company bi produzzjoni u direzzjoni ta' Ġorġ Cini. L-adattament għall-palk sar mill-kittieb Għawdxi, il-Kan. Joe Mejlak.



"L-Għarajjes Imwegħda", kif inhu magħruf dan ir-rumanz fl-ilsien Malti, intlaqa' ferm tajjeb mill-għadd kbir ta' nies li ħanqu t-teatru, fosthom għadd sabiħ ta' Maltin li nzertaw għall- "week-end" Għawdex. Dan ix-xogħol kien imżewwaq b'għadd ġmielu ta' xeni mexxejja, b'intervalli u "black-outs ferm qosra li żammew id-dramm għaddej bla waqfien, bi storja



interessanti li llum jafha kulħadd iżda li żgur ħafna ħadu gost isegwu, mimlija kif inhi b'ingredjenti ferm komuni fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Għalkemm l-ansjetà u t-tensjoni jirrenjaw għal ħinijiet twal fuq il-palk, karattri simpatiċi bħal dawk ta' Perpetwa, it-twajba seftura ta' Don Abbondio li ħsiebha dejjem biex terfa' salib ħaddieħor, u l-Avukat Azzeccacarbugli, bniedem professjonist ta' nofs kedda, jgħinu ħafna biex tinkiser din l-armosfera u jnisslu tbissima qalb l-udjenza.

"L-Għarajjes Imwegħda" kien imżewwaq ukoll b'żewġ numri ta' żfin. Il-kostumi kienu ferm adattati għaż-żmien tal-ġrajja, waqt li s- "setting" ġenerali tal-palk kien wieħed fost l-aħjar li dehru fit-Teatru Astra f'dawn l-aħħar snin. L-atturi, bosta minnhom żgħażagħ apparti dawk anzjani, dehru lkoll konfidenti - awgurju tajjeb għall-ġejjieni tal-palk fi ħdan dan it-teatru li jista' jiftaħar bi produzzjonijiet kbar kemm ilu miftuħ.



Naturalment ismijiet bħal Maria Schembri, Mario Tabone, Anton Said, Maria Zammit, Anna Cremona, Charles Zammit, George Azzopardi, Victor Camilleri, Georgina



Cassar, Melina Sciberras, Michael Camilleri, Joe M. Attard, John Mercieca u oħrajn żgur li llum il-ġurnata huma garanzija ta' l-aqwa divertiment fuq il-palk tat-Teatru Astra fi kwalunkwe rappreżentazzjoni, kemm jekk din



tkun operetta, kummiedja, jew xi dramm serju bħal dan li rajna.

Jidher ċar li x-xogħol kbir li wettaq Ġorg Cini f'din il-produzzjoni, assistit minn sħabu Manuel Grima, George Farrugia, Maria Zammit Borg u Mario Tabone, ħalla warajh



sodisfazzjon kbir. L-Astra Dramatic Company ħaqqha kull tifħir u inkoraġġiment għal produzzjoni oħra klassika li tagħmel ġieh u unur lit-Teatru Astra u lill-Palk Għawdxi.